MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2014

Numru. 171/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Matthew Frendo**

Illum, l-Erbgha 30 ta' Lulju, 2014

Kawza Numru: 171/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Frendo ta' 38 sena, bin Joseph u Louise nee' Wright, imwieled Pieta' fl-20 ta' Settembru 1975, residenti 4, Misrah l-Isptar, Sqaq nru 2, Haz-Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 57776M:

Billi gie akkuzat talli:

1. Nhar it-12 ta' Settembru 2004 f'xi hin kmieni filghodu gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, ikkometta serq ta' *stereo* minn gewwa vettura ta' l-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni DBI-903 liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Ingrid Galea u/jew ta' xi persuna/I w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 izda inqas minn €116.47 ghad-dannu ta' Ingrid Galea u/jew ta' xi persuna/I w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Akkuzat ukoll talli:

3. Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Settembru 2008 gewwa Triq il-Habbiez, Qormi kkommetta serq ta' *stereo* minn gewwa vettura ta' l-ghamla Perodua bin-numru ta' registrazzjoni SUE-628 liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa ghad-detriment ta' George Camilleri u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 izda inqas minn €116.47 ghad-dannu ta' George Camilleri u/jew ta' xi persuna/I w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Matthew Frendo bhala recediv ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija lilu mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera LL.D. nhar is-17 ta' Lulju 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini ta' l-art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Lulju 2014 mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet lix-xhieda Melchior Ellul u Jacqueline Zammit.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali ta' l-imputat u l-fatt li l-imputat qieghed bhalissa jsegwi programm ta' SEDQA billi qieghed residenti gewwa 'Dar Zerniq' u dan sabiex jinheles mill-vizzju tieghu. Ir-reati li l-imputat qieghed jinstab hati taghhom jirrisalu ghas-sena 2004 u 2008 u llum l-imputat qieghed jipprova jbiddel hajtu u dan kif kkonfermat minn Jacqueline Zammit li xehdet li l-imputat ilu zgur ghal dan l-ahhar tlett snin fil-kuntatt mas-servizzi ta' din l-agenzija. Ghaldaqstant piena karcerarja mhix wahda idonea fic-cirkostanzi.

Illi ma rrizultax li hemm xi hlas ta' esperti li huma dovuti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 267 270, 271(g), 279(a), 289, 325(1)(c) fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------